**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 27 ta` Marzu 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**RONALD MALLIA**

Kump Nru. 121/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ronald Mallia** ta' 19-il sena, iben John u Maria nee' Zammit, imwieled fis-7 t' Ottubru 1987 u residenti 233, Valley Lodge, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 474287M, gie akkuzat talli fit-12 ta' Marzu 2007, ghall-habta ta' 10:45pm fi Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar, Qawra, soqt vettura nru.KBI549 (1) b'manjiera traskurata (2) perikoluza (3) bla kont (4) u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elaine Camilleri skond kif iccertfika Dr. Michael Spiteri M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tal-25 ta` Awwissu 2010 (ara folio 40) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex il-kawza tissokta u tigi decisa bir-rit sommarju moghti fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2012;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat il-verbal taghha tal-14 ta` Novembru 2017 fejn il-provi tad-difiza gew dikjarati maghluqa u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta` ostakolu;

Rat li sa llum l-imputat ma ghamel ebda talba apposita li permezz taghha ikun talab ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succint, dak li rrizulta f'dan il-procediment huwa s-segwenti.

**Permezz ta` l-affidavit mahluf, PS.715 L.Gatt stqarr li fil-12 ta' Marzu 2007 (a fol. 7)** ghal-habta tal-22:45 dahlet telefonata gewwa l-Ghassa tal-Qawra u l-informazzjoni kienet illi gewwa Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar, kienet giet imtajra mara u kien hemm bzonn l-assistenza tal-pulizija. Ghaldaqstant huwa mar fuq il-post fejn sab lil Elaine Camilleri ma l-art muguwha u bid-demm hiereg min saqajha. Hija stqarret li kienet qed taqsam it-triq u f'hin minnhom rat vettura bi speed eccessiv gejja ghal fuqha bil-konsegwenza li tajritha. Fuq il-post innota wkoll vettura KBI-549 li kienet mahbuta go vettura FGY018 li kienet pparkjata man-naha tal-Qawra Palace Hotel u nnota brake marks ta' 30 metru. Il-vettura KBI-549 kienet qed tigi misjuqa mill-imputat Ronald Mallia. Ronald Mallia stqarr a tempo vergine, meta gie mistoqsi mill-pulizija kif sehh l-incident, li huwa kien qed isuq b'velocita' moderata u f'hin minhhom qasmitlu tfajla minn bejn il-karozzi u kiser lejn in-naha tal-Qawra Palace Hotel biex jiskapulaha bil-konsegwenza li habat ma vettura ohra li kienet pparkjata.

In sostenn ta` dan l-affidavit hemm ukoll l-okkorrenza maghmulha mill-istess PS715 u l-isketch anness a folio 2 *et seq*.

**Ix-xhud Elaine Camilleri xehedet** u kkonfermat li fit-12 ta' Marzu 2007 ghal-11:00p.m, hija kienet quddiem il-Qawra Palace Hotel il-Qawra fuq in-naha l-ohra tat-triq fuq in-naha tal-bahar fejn hemm l-ittra A fuq l-isketch a fol. 6. Kien wara illi spiccat mix-xoghol u marret biex taqsam it-triq sabiex tmur ghal-mini bus ghad-dar u fil-pront kienet gejja il-karozza tal-imputat min-naha tal-lemin taghha. Hija marret sabiex tigri biex tiskapulaha, izda il-karozza lahqitha b'konsegwenza li tajritha u laqtitilha saqajha, partikolarment l-ghaksa ix-xellugija. Konsegwenza tal-incident, ssostni li kissrilha l-ghadam minn tlett nahat. Ix-xhud qalet li fil-fehma taghha l-karozza kienet aktar il-boghod minn 100 metru u li kienet gejja bi speed eccessiv u sostniet wkoll li kieku ma kienx gej bi speed eccessiv kien jirnexxilha tghaddi. Kkonfermat li l-injuries damu ghal-aktar minn 30 gurnata biex ifiequ u ghalhekk tqiesu bhala grevious. Mistoqsija fejn kien li *spot of impact* spjegat li kien faccata ta' fejn kienet qed taqsam ghaliex tghid li kienet kwazi waslet hdejn il-bankina ta' faccata. Tghid wkoll li kienet qed tigri izda lahaqha.

**Elaine Camilleri in kontro ezami** sostniet li ma qasmitx miz-zebra crossing ghaliex iz-zebra crossing kienet il-boghod u l-karozza kienet qiegheda il-boghod ukoll u ghalhekk qasmet xorta wahda. Kkonfermat wkoll li fil-hin tal-incident kien id-dlam. Ix-xhud issostni li minkejja li hija rat il-karozza gejja, ghazlet li taqsam xorta wahda. Mistoqsija jekk hassitx li kienet ser tiehu riskju dak il-hin wiegbet li le ghaliex il-karozza kienet il-boghod bizzejjed.

**It-Tabib Dr. Fredrick Zammit Maemple xehed** u kkonferma li huwa konsulent ortopediku gewwa Mater Dei Hospital u qabel kien ukoll gewwa St. Luke's. Huwa fassal rapport fuq il-griehi li sofriet Elaine Camilleri tmintax-il xahar wara l-incident. Sostna li sofriet "*compound fracture of the right calcaneum and a fracture of the right ankle"*. Dawn it-tnejn gew trattati permezz ta' operazzjoni. Sostna li kellha *intra-articular fracture* u zied illi hemm il-possibilita li fil-futur ikollha l-artrite. Il-*calcaneal avulasion fracture* gie kkurat pero kien ghad ghandha *"residual widening and posterior deformity of the heel which renders the foot awkward and uncomfortable*". Kkonferma li kellha dizabilta' permanenti ta' 10% bhala rizultat tal-incident ta' Marzu 2007 kif spjegat fir-rapport rilaxxjat minnu u li jinsab a folio 13.

Id-difiza pprezentat zewg dokumenti li jinsabu a folio 79 Dok. QT u a folio 80 Dok. QT1 li jaghtu stampa cara taz-zona fejn propju sehh l-incident.

**Ikkunsidrat;**

Illi meqjusa dawn ir-rizultanzi processwali jigi dikjarat illi gie ppruvat skond il-ligi illi kien hemm incident nhar it-12 ta' Marzu 2007, ghal-habta tal-hdax nieqes kwart ta' filghaxija (22:45) fi Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar fejn il-karozza tal-ghamla Peugeot KBI-549 misjuqa mill-imputat tajret lil Elaine Camilleri. Illi d-dokument immarkat dok. QT1 juri bic-car illi effettivament fil-vicinanza ta' fejn marret sabiex taqsam Elaine Camilleri kien hemm sinjali ta' *zebra crossing*.

Illi mill-isketch ezebit a fol. 6 jirrizulta li hemm brake marks twal 30 metru wara il-vettura misjuqa mill-imputat li ma gewx kkontestati. Dawn huma indikattivi tal-fatt li l-imputat kien qieghed isuq b'velocita eccessiva ghat-triq fejn sehh l-incident. Jirrizulta wkoll li l-incident sehh bil-lejl. Jirrizulta mix-xhieda ta` Elaine Camilleri, li hija kienet rat il-karozza tal-akkuzat gejja mill-boghod izda hasset li kien hemm bizzejjed hin sabiex hija taqsam. Elaine Camilleri kienet konxja wkoll li kien hemm iz-zebra crossing fl-akkwati.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti trid tara fl-ewwel lok jekk Elaine Camilleri ikreatx emergenza subitanea lis-sewwieq imputat, u fit-tieni lok, jekk l-imputat kienx qed isuq b'mod regolari.

Fil-kaz “Il-Pulizija vs. Mario Angelo Zammit”[1] intqal is-segwenti:

*“Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f’post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b’ mod regolari jsib ruhu f’posizzjoni ta’ emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta’ sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista’ jsofri dak il-pedestrian f’dik il-konsegwenza”*

**Illi ma giex ippruvat skond il-ligi illi Elaine Camilleri ikkawzat emergenza subitanea lill-imputat fil-mument tas-sewqan tieghu.**

1 Pulizija vs. Mario Angelo Zammit, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Settembru 2009

**Dan l-incident sehh minhabba l-ispeed eccessiv li bih kien ghaddej l-imputat li rrenda s-sewqan tieghu bhala wiehed perikoluz. L-imputat kien ghalhekk negligenti fis-sewqan tieghu bil-konsegwenza li ma kellux a proper lookout.**

Ma hemmx dubju pero` li Elaine Camilleri ikkontribwiet ghal dan l-incident. Izda kif jinghad fis-sentenza "Il-Pulizija v. Fatih Pancar"[2], fil-kamp penali il-kontributorjeta ma teżonerax lill-akkużat mir-responsabbilta' kriminali; din ic-cirkostanza pero għandha tkun riflessa fil-piena.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed issib lil-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza.

Ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli, l-Qorti rat illi l-imputat halla tletin metru brake marks u konsegwentement ifisser li kellu speed eccessiv. Jirrizulta wkoll minn ezami tal-fedina penali tal-imputat li huwa diga nstab hati ta' akkuzi simili u ghalhekk huwa idoneu li tigi imposta l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan.

Decide.

Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 30, 31, 226(1)(a), 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi, qed issib u tiddikjara lill-imputat hati ta' l-ewwel, t-tieni u r-raba akkuza u tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma ta` €1,200 u tordna li skwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal zmien sena li tibda ssehh mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur

2 Pulizija v. Fatih Pancar, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Novembru 2018